PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0402/2011**

24.11.2011

# ***III
# RAPPORT

dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-koperazzjoni għall-iżvilupp
(PE-CONS 00057/2011 – C7-0377/2011 – 2009/0060A(COD))

Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni

President tad-delegazzjoni: Alejo Vidal-Quadras
Rapporteur: Gay Mitchell

PR_COD_3app

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ...........7

PROĊEDURA ...........9

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-koperazzjoni għall-iżvilupp (PE-CONS 00057/2011 – C7-0377/2011 – 2009/0060A(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u d-dikjarazzjonijiet rilevanti tal-Parlament u tal-Kunsill (PE-CONS 00057/2011 – C7-0377/2011),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari[1] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0194),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari[2] dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari[3],

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-emendi tal-Parlament għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (COM(2011)0178),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fit-tieni qari,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(13) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 69 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A7-0402/2011),

1. Japprova t-test konġunt;

2. Jiddikjara li fi spirtu ta' kompromess, jinsab lest li jaċċetta l-pakkett ta' kompromess peress illi l-perjodu ta' żmien li fadal għall-istrumenti attwali hu kemxejn qasir; jiddispjaċih li ma kienx possibbli li jittejjeb aktar it-test tal-istrument DCI/BAM, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet finanzjarji f'deċiżjonijiet strateġiċi, fejn hu importanti li l-ko-leġiżlaturi jinżammu fuq l-istess livell; jenfasizza li dan ir-riżultat ma joħloqx preċedent għal negozjati futuri dwar l-istrumenti ta' finazjament esterni wara l-2013; jiddikjara, li skont il-kriterji definiti fl-Artikolu 290(1) fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sejjer jinsisti fuq l-użu tal-atti delegati kull meta jkunu involuti fuq il-finanzjament u l-ipprogrammar fir-rigward ta' dawn l-istrumenti;

---

[1] Testi adottati tal-21.10.2010, P7_TA(2010)0379.
[2] Testi adottati tat-3.2.2011, P7_TA(2011)0032.
[3] ĠU C 7 E, 12.1.2011, p. 11.

3. Jikkonferma d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament u tal-Kunsill annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att, flimkien mad-dikjarazzjoni tal-Parlament u tal-Kunsill, *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

# NOTA SPJEGATTIVA

## I. Konċiljazzjoni

Wara l-votazzjoni tat-tieni qari fit-3 ta' Frar u fid-dawl tar-rieda politika li l-konċiljazzjoni tiġi konkluża mill-aktar fis possibbli, il-laqgħa kostitwenti tad-delegazzjoni tal-PE għall-kumitat ta' konċiljazzjoni saret fi Strasburgu fil-15 ta' Frar 2011. Id-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew iddeċidiet tinnegozja l-erba' fajls (DCI, DCI/BAM, ICI+ u EIDHR) ikkonċernati bħala pakkett. Waqt ir-rieżami intermedju ta' DCI u EIDHR intlaħaq qbil li dawn għandhom jibqgħu invarjati u għalhekk ma hemm l-ebda dokument ta' strateġija previst sal-2013. Għaldaqstant, in-negozjati komplew dwar il-fajl ICI+[1] u l-fajl DCI/BAM[2].

## II. Proċedura

Saru tmien trilogi fit-30 ta' Marzu, fil-11 ta' Mejju, fil-25 ta' Mejju, fit-22 ta' Ġunju, fil-5 ta' Lulju, fis-6 ta' Settembru (l-ewwel laqgħa tal-kumitat ta' konċiljazzjoni), fis-27 ta' Settembru u fid-19 ta' Ottubru. Saru seba' laqgħat tad-delegazzjoni tal-Parlament fil-15 ta' Frar, fit-12 ta' Mejju, fil-5 ta' Lulju, fis-6 ta' Settembru, fl-20 ta' Settembru, fil-11 ta' Ottubru u fil-25 ta' Ottubru. Il-qbil politiku ntlaħaq fil-31 ta' Ottubru 2011.

Id-delegazzjoni tal-PE adottat il-ftehim fil-laqgħa tagħha fil-25 ta' Ottubru (17-il vot favur, 6 voti kontra u 3 astensjonijiet).

Il-konċiljazzjoni ntemmet bi skambju ta' ittri (l-24 u s-26 ta' Ottubru 2011).

## III. Konklużjoni

Il-Parlament Ewropew jiddikjara li fi spirtu ta' kompromess, jinsab lest li jaċċetta l-pakkett ta' kompromess peress illi l-perjodu ta' żmien li fadal għall-istrumenti attwali hu kemxejn qasir; Jiddispjaċih li ma kienx possibbli li jittejjeb aktar it-test tal-istrument DCI/BAM, b'mod partikolari fir-rigward tal-allokazzjonijiet finanzjarji f'deċiżjonijiet strateġiċi, fejn hu importanti li l-ko-leġiżlaturi jinżammu fuq l-istess livell; Il-Parlament jenfasizza li dan ir-riżultat ma joħloqx preċedent għal negozjati futuri dwar l-istrumenti ta' finazjament esterni wara l-2013; Bi qbil mal-kriterji definiti fl-Artikolu 290, paragrafu 1, il-Parlament Ewropew sejjer jinsisti fuq l-użu tal-atti delegati kull meta jkunu involuti fuq il-finanzjament u l-ipprogrammar fir-rigward ta' dawn l-istrumenti.

---

[1] Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1934/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli, 2009/0059(COD).

[2] Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-koperazzjoni għall-iżvilupp, 2010/0059(COD).

Bi qbil ma' dan, id-delegazzjoni tirrakkomanda li l-Parlament iżomm l-approċċ ta' pakkett, u li Parlament japprova t-test konġunt fit-tielet qari.

## PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | **Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1905/2006 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp** |
| **Referenzi** | PE-CONS 00057/2011 – C7-0377/2011 – 2009/0060A(COD) |
| **President tad-delegazzjoni: Viċi President** | Alejo Vidal-Quadras |
| **Kumitat responsabbli**<br>Presidenza | DEVE<br>Eva Joly |
| **Rapporteur(s)** | Gay Mitchell |
| **Abbozz ta' att eżaminat fl-ewwel qari** | COM(2009)0194 – C7-0043/2009 |
| **Data tal-1 qari tal-PE – Numru P** | 21.10.2010 P7_TA(2010)0379 |
| **Proposta modifikata tal-Kummissjoni** | |
| **Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | 16442/1/2010 – C7-0426/2010<br>16.12.2010 |
| **Pożizzjoni tal-Kummissjoni (Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)** | COM(2011)0788 |
| **Data tat-2 qari tal-PE – Numru P** | 3.2.2011 P7_TA(2011)0032 |
| **Opinjoni tal-Kummissjoni (Artikolu 294(7)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea)** | COM(2011)0178 |
| **Data meta l-Kunsill irċieva t-tieni qari** | 23.3.2011 |
| **Data tal-ittra tal-Kunsill dwar ir-rifjut tal-emendi tal-PE** | 19.7.2011 |
| **Laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni** | 6.9.2011 |
| **Data tal-votazzjoni tad-delegazzjoni tal-PE** | 25.10.2011 |
| **Riżultat tal-votazzjoni** | +: 17<br>–: 6<br>0: 3 |
| **Membri preżenti** | Alejo Vidal-Quadras, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Kinga Gál, Elmar Brok, Filip Kaczmarek, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Manfred Weber, Vital Moreira, Thijs, Berman, Ana Gomes, Richard Howitt, Gianluca Susta, Patrice Tirolien, Charles Goerens, Barbara Lochbihler, Eva Joly, Robert Sturdy, Helmut Scholz, Claudio Morganti |
| **Sostitut(i) preżenti** | Christofer Fjellner, Ioannis Kasoulides, Georgios Koumoutsakos, Eduard Kukan, Ria Oomen-Ruijten, Maurice Ponga, Kriton Arsenis, Ivo Vajgl, Bart Staes |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2) tar-Regoli ta' Proċedura) preżenti** | Leonidas Donskis |
| **Data tal-ftehim fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni** | |
| **Ftehim permezz ta' skambju ta' ittri** | 24.10.2011 26.10.2011 |

| | |
|---|---|
| **Data meta l-kopresidenti stabbilew li t-test konġunt ġie approvat u ntbagħat lill-PE u lill-Kunsill** | 31.10.2011 |
| **Data tat-tressiq** | 24.11.2011 |
| **Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)** | ... |

## ESTENSJONI TAL-PERJODI TA' SKADENZA

| | |
|---|---|
| **Skadenza għat-tieni qari tal-Kunsill** | 23.7.2011 |
| **Skadenza għas-sejħa tal-Kumitat**<br>Istituzzjoni li qed tagħmel it-talba – data | 13.9.2011<br>Kunsill – 24.08.2011 |
| **Skadenza għall-ħidma fil-Kumitat**<br>Istituzzjoni li qed tagħmel it-talba – data | 01.11.2011<br>Kunsill – 6.10.2011 |
| **Skadenza għall-adozzjoni tal-att**<br>Istituzzjoni li qed tagħmel it-talba – data | |